MALTA
# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 611/2007

**Carmelo Farrugia**

**[Karta ta' l-identita' Nru 371967(M)]**

**VS**

**Martin Chetcuti**

**[Karta ta' l-identita' Nru. 560645(M)]**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors mressaq fl-1 ta'Gunju 2007, li jaqra hekk:

1. *"Illi l-esponent huwa xufier ta' xarabank u l-ghijxien tieghu u tal-familja tieghu tiddependi minn tali mpjieg;*

2. *Illi huwa kien xtara xarabank tal-marka King Long bin-numru ta'registrazzjoni EBY 507;*

3. *Illi f'Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), zvilluppaw hsarat f'dan ix-xarabank, senjament f'dik il-parti maghrufa bhala l-gear box, b'rizultat ta' liema hsarat l-esponent ma setax jkompli jaghmel uzu mill-vettura de quo;*

4. *Illi l-esponent kien indirizzat mill-importaturi tal-vetturi ta' l-ghamla King Long f'Malta sabiex jinkariga lill-intimat Martin Chetcuti li l-mestier tieghu huwa dak ta' mechanic sabiex jeffetwa t-tiswijiet necessarji;*

5. *Illi r-rikorrenti ghalhekk inkarigu lill-istess Martin Chetcuti sabiex jaghmel it-tiswijiet necessarji u kkonsenjalu l-vettura bin-numru ta'registrazzjoni EBY 507;*

6. *Illi l-ftehim ta' bejn il-partijiet gie kkristizzat permezz ta' zewg skritturi private in atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja; wahda tal-hamsa (5) ta'Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) (Kopja hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok. CF1****) u l-ohra ta' l-erbgha ta'Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) (Kopja hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok. CF2****);*

7. *Illi l-intimat naqas milli jonora l-obbligi assunti minnu u naqas milli jeffettwa t-tiswijiet rikjesti;*

8. *Illi minkejja li l-istess initmat gie interpellat diversi drabi, senjatament permezz ta' ittra legali fl-ghaxra (10) ta'Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006)* ***(Dok. CF3)*** *, ittra legali fis-sebgha (7) ta'Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006)* ***(Dok. CF4)****, ittra legali tat-tnax (12) ta'Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007)* ***(Dok. CF5)*** *u ittra ufficjali tas-dsatax ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007)* ***(Dok. CF6)*** *sabiex jonora l-obbligi assunti minnu huwa naqas milli jaghmel dan u minflok beda jaghmel talbiet ghal hlas ta' kontijiet li kienu saldati in precedenza u jxerred xniehat foloz fil-konfront ta' l-esponent, kif ser jirrizulta ahjar fil-mori ta' dawn il-proceduri;*

9. *Illi b'rizultat ta' l-inadempjenza, l-agir abbusiv u illegali ta' l-initmat, l-esponent sofra danni u ghadu qieghed isofri danni, inkluzi izda mhux biss dawk li jirrigwardaw nuqqas ta' qliegh u spejjez ohra li kellu jinkorri minhabba n-nuqqas da parti ta' l-intimat;*

10. *Illi l-esponent kellu jaghmel arrangamenti sabiex jakkwista gear box gdida u dan sabiex jillimita kemm jista' jkun d-danni sofferti u li qieghed isofri b'rizultat ta' l-agir ta' l-intimat;*

11. *Illi minkejja li l-intimat inghata kull opportunita' sabiex jirrimedja ghan-nuqqas tieghu huwa naqas milli jaghmel dan u minhabba f'hekk, l-esponent ma kellu l-ebda alternattiva ohra ghajr li jirrikorri ghal din il-kawza sabiex ihares id-drittijiet u l-interessi tieghu.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddeciedi u Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;*

2. *Tillikwida anke okkorendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mir-rikorrenti;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas d-danni hekk likwidati lir-rikorrent kif ukoll tikundanna lill-konvenut ihallas lura s-somom ta' flus kollha mhallsa lilu fir-rigward tat-tiswija tal-gear box mertu ta' dawn il-proceduri;*

4. *Tikkundanna lill-konvenut jhallas l-ispejjez tal-prezenti kawza, inkluz dawk ta' l-ittra legali ta' l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006), l-ittra legali tas-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006), l-ittra legali tat-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007), l-ittra ufficjali tas-dsatax ta'Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) kif ukoll dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta'sekwestru li qieghdin jigu ntavolati kontestwalment mal-prezentata ta' din il-kawza;*

*U dana taht dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi r-rikors promotur, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lil intimat;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tal-21 ta' Novembru 2007 (a fol. 20 fejn innominat lill-Assistent Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli;

Rat ir-risposta ta’ Martin Chetcuti tat-30 t’Awwissu 2007 (a fol. 54) li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti mhu responsabbli ghall-ebda danni stante illi l- hsarat gew ikkagunati mill-agir abbuziv u negligenti da parte tar- rikorrenti u minhabba l-fatt li l-istess rikorrenti qieghed jirrifiuta li jhallas lis-socjeta barranija fejn intbghat il-gear box sabiex tissewwa tat-tiswijiet liema kont jammonta globament ghall-ammont ta' circa elfejn u hames mitt Lira Maltin (LM2,500);*

2. *Illi se mai u minghajr pregudizzju d-danni li jistghu jigu likwidati tenut kont tal-principju li r-rikorrenti huwa obbligat li jnaqqas id-danni l-ammont li seta jitlob huwa l-ammont ta' LM2,500 u ghalhekk dawn kienu d-danni li jista jitlob u d-danni ulterjuri mitluba huma frivoli u vessatorji u immirati sabiex r-rikorrenti jipprova jakkwista xi flus li mhumiex dovuti.*

3. *Illi jekk illum stess r-rikorrenti jhallas dan l-ammont ta' circa elfejn u hames mitt Lira Maltin (LM2,500) jista jibda jahdem regolarment u l-istess rikorrenti seta facilment jikkontatja lid-ditta barranija ghax kien jaf d-dettalji kollha taghhom u kien jigi infurmat b'dak li infurmah l-istess esponenti.”*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tas-17 ta’ Marzu 2011(a fol. 164) fejn innominat lill-Assistent Gudizzjarja Dr. Michael Camilleri;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta’ Mejju 2011 (a fol. 179) fejn innominat lill-Perit Legali Dr. Patrick Valentino;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti Carmelo Farrugia tat-28 t’Awwissu 2013 (a fol. 200 et seq.);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva ta’ Martin Chetcuti tat-13 ta’ Jannar 2014 (a fol. 207 et seq.);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Patrick Valentino prezentata fit-28 ta’ Frar 2014 u mahluf fil-4 t’April 2014 (a fol. 219 et seq.);

Rat in-nota ta’ Carmelo Farrugia tat-28 ta’ Novembru 2014 (a fol. 290) li permezz taghha ressaq is-segwenti domandi lil Perit Legali Dr. Patrick Valentino;

Rat ir-risposti in eskussjoni prezentati seduta stante nhar l-Erbgha 3 ta’ Dicembru 2014 (a fol. 293 et seq.);

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda prodotta fil-kaz in ezami jirrizulta illi l-attur xtara Bus mingħand Kia Motors Ltd, fis-17 t’Ottubru 2003 fejn kundizzjoni tal-garanzija kienet li kull tiswija kella ssir għand l-intimat għaliex hu biss kien awtoriżżat li jeffettwa tiswijiet – vide fol. 58.

Wara ftit taż-żmien inqalghet ħsara li ssewwiet mill-intimat. Ftit wara kien hemm problema fil-*mounting* tal-magna fil-perjodu tal-garanzija, iżda dan nonostante l-attur għażel li **jsewwi għand terz** mhux awtorizzat ghall-fini tal-garanzija, li għazel li jaghmillu part ta’ Malta u lanqas wahda originali.

Ftit wara din il-*mounting*, sieq tal-magna falliet u l-magna waqgħet fl-art.

Sussegwentement inqalgħu problemi fil-gearbox u peress illi l-attur kien sewwa banda ohra, ġie mgħarraf mill-intimat u mir-rappresentanti ta’ Kia Motors Limited li kien tilef il-garanzija u konsegwentement kellu jħallas għat-tiswijiet.

Ġie redatt ftehim quddiem in-Nutar Dott. Mario Bugeja Dok CF1 a fol. 7, fejn l-attur obbliga ruħu li jiddeposita ma’ l-imsemmi nutar l-ammont ta’ Lm 1,500 **entro ħmistax** sabiex ikopru l-ispejjes tat-tiswija u traġitt, peress li l-gearbox kellha tintbaghat barra, **iżda l-ammont qatt ma ġie depositat għand in-nutar kif pattwit.**

L-intimat bagħat il-gearbox barra minn Malta fejn din issewwiet u peress illi l-flus qatt ma ġew depositati għand in-nutar, l-intimat ma kellux l-assigurazzjoni li kien ser jitħallas, ma ħallasx lis-soċjeta' estera u konsegwentment jidher illi l-gearbox qatt ma giet ritornata Malta.

Il-bus dam għal aktar minn sena għand l-intimat sakemm fl-aħħar mingħajr ma jirriżulta li l-attur ħallas xejn lill-intimat, l-istess attur mar u rmonkah minn fejn kien jinsab u għamel arrangamenti sabiex jimporta gearbox oħra.

L-attur intavola kawża għad-danni li sofra għaliex skond hu l-intimat naqas li jeffettwalu x-xogħlijiet.

Il-Qorti wara li rat u ezaminat il-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dr. Patrick Valentino tqis illi dawn ghandhom jigu milqugha u l-Qorti ma taghraf ebda raguni ‘l ghaliex ghandha twarrab l-istess

Infatti, f’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta’ dawn il-Qrati:

> *“kif pacifikament assodat f’bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***“dan ma jsisserx pero’ illi l-Qorti tista’ taghmlu b’mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami” (“Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine”,*** *Appell 29 ta’ Mejju 1998).* ***“Jigifieri l-Qorti ma tistaz tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta’ tali relazzjoni ma kienitx gusta u koretta. Din il-konvinzjoni pero’ kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.” (“Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca.”*** *Appell 6 t’Ottubru*

> *1999; **"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",** Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tghaddi biex tezamina il-kwistjoni dwar min kien responsabbli ta' l-allegati danni li sofra l-attur, tenut kont ta' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati, partikolarment l-ewwel eccezzjoni li tittanta titfa' t-tort ta' l-akkadut u danni konsegwenzjali fuq aġir abbusiv u neġliġenza imputabbli lill-attur.

Illi għalhekk, fil-każ odjern, jehtieg qabel xejn jiġu stabbiliti il-fatti in kwistjoni u r-rabta taghhom ma d-danni li allegatament ġarrab l-attur. B'din l-analiżi, wieħed ikun f' qagħda jagħmel il-kostatazzjonijiet dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid konsegwentment jagħmel tajjeb għalih. Jibqa' l-obbligu li l-attur iġib provi tajba biżżejjed biex jissostanzja t-teżi tiegħu li l-intimat huwa responsabbli. Il-fatt wahdu li sofra allegati danni ma huwex biżżejjed sabiex jimputa tort lill-intimat.

Illi skond l-Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 kulħadd irid iwieġeb għall-egħmil jew nuqqas ta' egħmil tiegħu.

Skond l-insenjament moghti fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili **David Gathergood Vs Anchor Bay Liesures Ltd** fit-12 ta' Marzu 2012 gie ritenut:

> ***'il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet'.***

Illi jista jingħad li jkun hemm kontributorjeta' mid-danneġġjat, meta l-istess jonqos li jottempera ruħu ma' struzzjonijiet speċifiċi lilu mogħtija, jew meta l-istess danneġġjat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fl-imprisa li jkun qed jagħmel imisshom ggiwidawh sabiex jevita, jew meta l-istess jonqos li jinqeda b'sens komun u volontarjament jesponi lilu nnfisu għal preġudizzju manifest u inevitabbli. B' hekk u fi kliem komuni billi jagħmel ta' rasu u mhux kif rikjest jew patwit, ikun qiegħed unikament u volontarjament jagħżel illi jerfa' waħdu l-konsegwenzi kollha ta' l-azzjonijiet tiegħu u l-konsegwenzi li jġibu magħhom. Dan għaliex għażel li jiddipartixxi minn dak pre-dispost fiċ-ċirkostanza partikolari. Dan il-*modus operandi* f' ċirkostanzi partikolari fejn wieħed jiddipartixxi minn dak li jkun tenut jagħmel għax ikun predispost, jinkwadra fil-massima *volenti non fit iniuria*.

Illi fl-istess sentenza **Gathergood Vs Anchor Bay Liesures Ltd** fit-12 ta' Marzu 2012 jinsab ritenut:

> ***'Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita' li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, l-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba:***
>
> ***(i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju,***
>
> ***(ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u***
>
> ***(iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħla għalih.***
>
> ***Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita' mill-għamil tal-parti l-oħra. L-aspett tal-volontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor';***

Illi applikat dak li fuq ingħad għall-kawża odjerna jirriżulta illi l-attur jirrikonoxxi li '*Kienu tal-Kia Motors li lilna x-Xufiera li konna xtrajna x-xarabanks ta' l-għamla King Long kienu* qalulna li għal dak li jirrigwarda service tal-vettura u tiswijiet, kellna dejjem immorru għand Martin Chetcuti l-konvenut*:*

> ***Darba minnhom madwar sentejn u nofs ilu kelli ħsara fil-mountings tal-magna.... Martin Chetcuti u/jew il-lavranti tiegħu kienu dewmuni... Ma stajtx nibqa nistenna u mort għand il-panel beater li nuża ssoltu, iz-Zinnu Garage u dan kien għamilli mountings ġodda....***Vide affidavit tal-attur a fol. 58.

Emanuel Cutajar il-*mechanic* li għamel dan ix-xoghol tal-*mounting,* spjega, illi huwa lanqas waħħal spare parts originali iżda sostna *'Dak iż-żmien supplies tal-fabbrika ma kienx hawn u bħal ma għamel ħaddieħor jiena iffittjajtlu żewġ prodotti minn Malta'...! Sfortunatament xi xahrejn wara illi ffitjajna dawn il-mountings, ... dawn inqasmu* – Vide fol. 108. Cutajar jispjega li konsegwenza ta' dan ikun hemm ħsara oltre fil-magna għaliex din taqa'. Cutajar irrikonoxxa li kien għamel xogħol ħażin, u meta gie mgħarraf bl-akkadut kien hu stess li bagħat lill-attur għand il-mechanic awtoriżżat ossija l-intimat li, fi kliem l-istess xhud *'Il-mechanic tiegħu neħħa din is-sieq (*mounting) *li kont għamiltlu jien u iffittjalu oħra minn tiegħu.'*

Illi dan hu konfermat mit-testimonjanza ta' l-istess attur, illi ftit wara li sar dan l-intervent, *inbidlu l-mountings tal-magna*. Fi kliem użat mill-istess attur '*is-sieq tal-magna' li kienet* tal-ħadid, reġgħet marret u *iddendlitli l-magna tat-trakk'...*Dan ġara jgħid l-istess attur peress li l-ħadid kien ħareġ azzarjat. Jiġi preċisat li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-intimat fin-nota minnu presentata, 'azzarjat' ma jfissirx difettus iżda t-terminoloġija Ingliza għal *ħadid azzarjat* huwa *mild steel*, għalhekk huwa tip ta' ħadid.

Illi sussegwentement wara din l-isfortuna, l-attur din id-darba kif kien indikat lilu li kellu jagħmel f' kaz ta' ħsara, **u kif messu kien jaf u fil-fatt kien jaf mill-bidu nett, irrikorra għand l-intimat sabiex jirrimedja l-ħsara**, u ma marx reġa' għand min kien fl-ewwel lok sewwielu. L-intimat da parti tiegħu, mill-ewwel għarrfu, fi kliem l-attur stess ***'Qiegħed tara x-xogħol li għamillek ħaddieħor kif inhu ħazin'***-Vide fol 58. L-attur ikompli jgħid illi l-intimat mill-ewwel informah:

*'Hu* **(l-konvenut)** ***qalli imma garanzija m' għandekx fuq din għax l-ewwel darba mort għand ħaddieħor'... Jien*** **(l-attur)** ***għedtlu li ma kienx hemm x' tagħmel. Kont ser nerfa' l-ispejjes jien għax kelli bżonn it-truck sabiex naħdem'***

Illi dan l-attur jerġa jikkonferma li kien mgħarraf bil-fatt li ma kienx għadu kopert mill-ġarnanzija mill-venditur tat-truck, cioe` KIA Motors Limited:

> ***'Jiena staqsejtu (b' referenza għar-rappresentant tal-KIA) għal-liema raġuni kienu ser iwaqqfuli l-garanzija; u huma qaluli l-għaliex il-mountings meta waqatli l-magna ma kontx għamiltu fil-garaxx tagħhom'***.- Vide fol. 95

Illi jidher illi wara dan l-intervent, it-truck tlesta vicin id-disgħa (9) ta' April elfejn u sitta (2006) iżda meta l-attur ħareġ bih mingħand l-intimat ftit jiem wara rriskontra li donnu l-problemi kienu għadhom presenti peress illi l-attur jgħid li kien sab xi ilma fil-*gearbox.*

Illi ma jirriżultax mill-kumpless tal-provi, **is-sors tal-ilma,** jirriżulta biss mir-rapport mibgħut mill-kumpannija estera li għamlet xogħlijiet ta' testing, li dan ma kienx ilma tal-magna *coolant*- vide Dok MC1. Wieħed jista biss jispekula, għalkemm dan ma jirriżultax in atti, li l-ħsara kienet konsegwenza tal-waqa tal-magna meta din issewwiet għand terz mhux awtorizzat. Fi kwalunkwe kaz, ma tezisti ebda xrara ta' prova li torbot ix-xoghol li ghamel l-intimat mal-hsara li sussegwentement zviluppat fil-gearbox.

Illi t-truck reġa ttieħed għand l-intimat għat-tiswija u huwa f'dan il-mument fejn donnu skalaw il-problemi peress illi l-gearbox kellha bżonn tintbagħat barra u l-intimat kien qed jinsisti li jkun hemm garanzija ta' ħlas qabel ma jisborsa l-ispejjes tat-traġitt.

Illi l-kontendenti ftehmu illi tiġi redatta skrittura fil-presenza tan-Nutar Mario Bugeja a fol. 7, nhar il-ħamsa (5) ta' Ġunju elfejn u sitta (2006) fejn wara li premettew illi gearbox tat-truck kien meħtieġ li tintbagħat barra minn Malta għat-tiswija, *'Carmel Farrugia qed jintrabtat li jħalli man-nutar Dr, M. Bugeja* ***sa 15 il-ġurnata mill-lum*** *sabiex ikopri l-ispejjes......'* u cioe' depozitu fl-ammont ta' Lm 1,500

Illi jirriżulta mill-affidavit ta' l-istess nutar illi dawn il-flus **qatt** ma ġew depositati miegħu :

> ***'Ngħid li l-LM 1,400) (x' aktarx żvista kellha tinqara Lm 1,500) imsemmija fl-istess skrittura ma niftakarx li qatt tħallew miegħi'-***
> Vide Affidavit tan Nutar Dr. Mario Bugeja – a fol. 285.

Illi jirriżulta illi wara dan, il-gearbox intbagħtet l-Italja għat-tiswija u jidher li ssewwiet mill-ħsara li kien fiha. Ma jirriżultax li din ingiebet lura Malta peress illi barra minn Malta ovvjament kienu qed jippretendu ħlas mingħand l-intimat għax-xogħol li sar – vide fol. 81, filwaqt illi l-intimat kien qed jippretendi li jiġbor il-flus mingħand l-attur kif l-istess attur kien obbliga ruħu li jagħmel fl-iskrittura fuq imsemmija, izda l-attur baqa jippersisiti u reġa għażel li jagħmel ta' rasu u ma jonorox għal darba oħra l-obbligi minnu assunti fil-presenza tan-Nutar Dott. Mario Bugeja. Dan **minkejja l-fatt illi ħsara kienet issewwiet f' 30 ta' Ġunju 2006** kif jirriżulta mill-fattura annessa Dok CF16 a fol.81.

> ***Fil-ftehim tal-5 ta' Ġunju 2006, Carmelo Farrugia kellu jħalli l-ammont ta' Lm 1,500 man-Nutar Mario Bugeja sa 15 il-ġurnata wara l-ftehim, li għalhekk kien jiġi l-20 tax-xahar. In-Nutar kellu jżommhom hu u jgħaddihomli biss sa żmien ġimgħa minn meta titwaħħal il-gearbox f' posta u tkun tajba u taħdem, Jien kont sodisfatt b' hekk li kelli garanzija ta' ħlas, għaliex in-Nutar nafdah, mentri Farrugia seta jserrah moħħu li l-flus ma kontx ser noħodhom qabel ma jitpoġġa l-gearbox fix-xarabank tiegħu. Sa fejn naf jien pero' Carmelo Farrugia qatt ma ħalla dawn il-flus man-nutar u għalhekk mill-bidu nett wera li ma kienx lest iżomm mal-ftehim'-***
> Vide Affidavit Martin Chetcuti – a fol. 281.

Illi jidher illi l-attur ma ħallas xejn lill-intimat u konsegwentment l-gearbox qatt ma twaħħlet. Ma huwiex ċar jekk din inġiebitx lura Malta għaliex meta l-Marixxalli marru sabiex jesegwixxu mandat ta' qbid din ma nstabitx – vide fol. 75. Sussegwentment, wara żmien f' April 2007, (kważi sena wara li kellu jsir il-ħlas kif patwit mill-attur) u **kważi sena ukoll wara kif jidher mill-fattura ta-soċjeta' estera l-gearbox kienet issewwiet, l-attur għażel li jmur u jirmonka x-xarabank mingħand l-intimat u jagħmel ix-xogħlijiet rimedjali band oħra**.

Illi minkejja dan kollu r-rikorrenti jippretendi li jirkupra **€ 93,268.04** mingħand l-intimat is-segwenti ammonti:

(i) Sitt mija, tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmi (€698.81) li jirriżulta li ħallas lill-intimat għal xogħol li kien sar mhux mertu tal-kawża *'Dak in-nahar tal-ftehim kien ħallasni Lm 400 fuq xogħol ieħor li kien ilu biex jagħtihomli'*- Vide affidavit Martin Chetcuti, a fol. 281;

(ii) Tmienja u erbghin elf, disgha mija u sbatax –il Ewro (€48,917), rappresentanti sena u disgħa xhur paga mingħajr ma jgħid għall-liema perjodu preċis qed jivvanta din il-pretensjoni, u meta jirriżulta illi kieku l-attur ddeposita l-ammont kif patwit quddiem in-Nutar Dott Mario Bugjea f' Ġunju 2006 (meta rriżulta li l-gerabox kienet issewwiet minn barra minn Malta) din kienet x' aktarx tinġieb lura u titwaħħal f' materja ta' ftit ġranet;

(iii) Hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro (€5,823) rappresentanti spiża addizzjonali ta' xufiera bejn l-aħħar ta' April 2006 u Awwissu 2006, fejn japplika ukoll dak li jinghad aktar 'il fuq fil-paragrafu (ii);

(iv) Sitt elef u sitta u hamsin Ewro (€6,056) rappresentanti kirja ta' xarabank minn Awwissu 2006 meta ukoll għandu japplika dak li ingħad aktar 'il fuq fil-paragrafu (ii);

(v) Sitt elef u erbgha mija u sitt Ewro(€6,406) rappresentanti prezz ta' gearbox gdida fejn ukoll japplika dak li ngħad aktar 'il fuq fil-paragrafu (ii) peress illi l-gearbox tat-trakk jidher li baqgħet barra minn Malta peress li ma sarux il-ħlasijiet mill-attur kif kien obbliga ruħu li jagħmel;

(vi) Tlieta u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro (€23,294) rappresentanti self mingħand ċertu Albert Sammut li ma hemx lanqas prova waħda għal xiex dawn ġew mislufa;

(vii) Elfejn tlieta u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€2,073.23) rappresentanti multi imposti mill-ADT imposti mill-15 ta' Ottubru 2007 sat-28 ta' Novembru 2007 u għall-perjodu wara Novembru 2007, meta jirriżulta illi t-tiswija kienet lesta f'30 Ġunju 2006 u l-gearbox ma ngabitx lura Malta peress illi l-ħlas kif fuq ingħad ma sarx.

Il-Qorti taghraf aktar minn hekk, li kieku l-attur ma għażilx li jsewwi s-sieq tal-magna għand mechanic mhux awtorizzat minn KIA Motors Limited, l-attur x' aktarx ma kienx jispiċċa fis-sitwazzjoni li tagħat lok għal din l-azzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Illi għalhekk il-Qorti tqis illi l-attur ma rnexxilu jipprova bl-ebda mod xi ness kawzali bejn l-eghmil ta' l-intimat u l-hsara minnu allegati, anzi ghal kuntrarju, hareg car daqs il-kristall, illi kien l-istess attur, bl-ghemil u l-ghazliet tieghu stess, li ta lok ghal u kkaguna d-danni li garrab, wara illi accetta volontarjament illi isewwi l-magna tat-trakk tieghu ghand persuna mhux awtorizzata taht it-termini tal-garanzija (abbazi tal-principju volenti nin fit injuria), u wara li naqas ulterjorment milli jottempera ruhu ma' l-obbligi minnu assunti fl-iskrittura privata biex ghal-lanqas, jigu minimizzati kwalunkwe danni li seta' jsofri minhabba xi dewmien.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u tichad t-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------